**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

**KUNSILL LOKALI ĦAMRUN** **IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 16, il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 10 ta' Marzu 2016 fis-6.00 filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**<u>Preżenti</u> (Hames Kunsilliera)**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christian Sammut | Sindku |
| Is-Sur Antonello Cuschieri | Kunsillier |
| Is-Sinjura Louise Portelli | Kunsillier |
| Is-Sur Jurgen Carl Grixti | Kunsillier |
| Is-Sur Efrem Buttigieg | Kunsillier |

**<u>Skużati</u>**

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello talab li jkun skużat mil-laqgħa minħabba mewt fil-familja.

Il-Kunsillier Carmen Borg talbet li tkun skużata mil-laqgħa minħabba li kienet ma tiflaħx.

**<u>Talba</u>**

Is-Sindku qal it-Talba.

**02 Approvazzjoni tal-Minuti**

Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 15 lill-membri preżenti.

**Il-Minuti ġew approvati unanimament.**

**03 Punti li joħorġu mill-Minuti**

**03/01 Car Park**

Is-Sindku nfurma lill-membri li MCP Car Parks għaddiet Statement of Accounts, fejn jidher li qed ikun hemm dħul ta' €3000 fix-xahar.

Is-Sindku nfurma lill-membri li dwar l-idea tar-reklamar,idealment nitkellmu ma' kumpanija privata u tieħu ħsieb kollox hi.

**03/02 Laqgħat tas-Saħħa**

Is-Sindku nfurma lill-membri li reġgħu bdew il-laqgħat tas-Saħħa iżda l-attendenza hija kemmxejn batuta. Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti ġibed l-attenzjoni li ħafna residenti ma kienux infurmati li dawn il-laqgħat reġgħu bdew.

Is-Sindku nfurma li din l-informazzjoni se tinħareġ fil-magazine tal-Kunsill.

**03/03 Nuqqas ta' Aċċess fil-Lift tal-Carpark**

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li l-Kunsill jieħu parir legali dwar in-nuqqas ta' aċċess għall-persuni b'diżabilita' fil-ħinijiet ta' filgħaxija fil-Carpark, minħabba li l-lifts qed jintfew.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota ta' din it-talba u se tistaqsi lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' dwar dan.

**04 Business Plan 2016 – 2018**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-Mejda kopja tal-Business Plan 2016 – 2018. (kopja annessa ma dawn il-Minuti)

Is-Sergetarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li għas-snin 2017 u 2018 ma ddaħħlux proġetti kapitali sabiex il-Kunsill ikun jista' jevalwa n-neċessitajiet tal-lokalita' sena b'sena.

Il-Business Plan 2016 – 2018 ġie approvat unanimament.

**05 Rilokazzjoni tal-Gabbani – Festi Titulari fil-Ħamrun**

Is-Sindku nfurma li nbeda l-proċess tar-rilokazzjoni ta' 3 gabbani li jarmaw waqt il-festa Immakulata Kunċizzjoni.

Is-Sindku nfurma li rigward il-Festa San Gejtanu, l-Kunsill se jiltaqa' mal-Għaqdiet tal-festa sabiex jieħu l-ideat tagħhom. Is-Sindku spjega li l-Kunsill Lokali ilu snin jirċievi talbiet sabiex il-gabbani tal-ikel li jarmaw fi Pjazza San Pawl u fl-area tal-Knisja jitneħħew u jiġu rilokati xi mkien ieħor. Is-Sindku spjega li idealment dawk il-gabbani li jarmaw fi jiġu rilokati fi Triq is-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar, mal-ħajt tad-dar tal-Anzjani, filwaqt li dawk li jarmaw fl-area tal-Knisja jiġu rilokati fi Triq il-Kbira San Ġużepp, bejn il-BOV u Triq Santa Marija.

Għaldaqstant il-Kunsill għandu jibda' l-eżerċizzju ta' identifikazzjoni tat-tneħħija ta' dawn il-gabbani u tiġi identifikata z-zona l-ġdida.

**06 Sala Ġdida fi Triq il-Ferrovija**

Is-Sindku nfurma lill-membri li x-xogħol ta' manutenzjoni fis-sala ta' fuq il-letrina fi Triq il-Ferrovija issa tlesta mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Din is-Sala tkun ideali jekk tibda tintuża sabiex jinżammu laqgħat tad-drama, korsijiet oħra u tista' tkun utli għal dawk l-għaqdiet li m'għandhomx post fejn jiltaqgħu. Is-Sindku ppropona li min juża din is-sala għall-korsijiet ikun responsabbli għall-ftuħ u l-għeluq.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ssuġġerixxa li l-Kunsill jieħu deposit bħala garanzija u jekk kollox imur tajjeb, dan id-deposit jingħata lura.

Is-Sindku ppropona li din is-Sala tissemma' għall-ex Sindku Joe Zammit Cordina.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ssuġġerixxa li jekk se ssir ċerimonja tal-inawgurazzjoni, l-Kunsill jistieden il-familja Zammit Cordina.

Il-Kunsill approva unanimament li s-Sala tissemma Joe Zammit Cordina.

## 07 Korrispondenza

### 07/01 MEMO 32/2015 - Community Inclusive Employment Scheme

Is-Sindku spjega li l-Kunsill applika għal din l-iskema.

### 07/02 Grupp Armar Ħamrun Liberty - Talba għal 7 Tappieri ġodda għall-Festa

Il-Kunsill qabel li jinxtraw dawn is-7 tappieri u x-xogħol isir mill-membri tal-Għaqda.

### 07/03 Talba għall-Koperazzjoni Tony Bajada Memorial Tournament

Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mal-Ħamrun Spartans Youth Nursery u jsir ftehim tal-involviment tal-Kunsill f'din l-attivita'. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li huwa mportanti li meta l-Kunsill jorganizza attivitajiet għandu jkun hemm indikazzjoni ċara ta' dan fil-materjal ta' reklamar.

### 07/04 Carmel Attard – Talba sabiex tiġi kkanċellata ċitazzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat korrispondenza li twasslet mis-Sur Carmel Attard fejn qed jesiġi li tiġi kkanċellata ċitazzjoni li nħarġet fis-sena 2002.

Il-Kunsill m'approvax din it-talba għaliex is-Sur Attard kellu l-opportunita' jikkontesta din il-kontravvenzjoni u mhux jistenna erbatax-il sena biex jagħmel dan.

Johann Falzon, Jean Paul Darmanin u Gerard Vassallo – Talba għall-Parkeġġ tar-Residenti.

Il-Kunsill evalwa dawn it-tlett talbiet u skont l-I.D. Card it-tlett persuni huma residenti fil-Ħamrun, għaldaqstant it-tlett talbiet ġew aċċettati rispettivament.

### 07/05 Cirk 17/16 – Servizzi tal-Għaqdiet Mużikali tal-Lokal

Il-Kunsill jinsab sodisfatt u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ħarġet din iċ-ċirkolari.

## 08 Skeda ta' Ħlasijiet

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista għall-ħlasijiet li rċieva l-Kunsill (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li Messrs Saviour Mifsud ippreżenta numru ta' kontijiet tad-Diesel li jmorru lura għas-sena 2012.

Il-Kunsill qabel li jiġi vverifikat x'jgħid il-Kuntratt qabel jieħu deċiżjoni dwar dan.

Il-Kunsill approva din l-iskeda ta' Ħlasijiet minbarra dawk il-pagamenti dovuti lil Messrs Saviour Mifsud.

## 09 Ħwejjeġ ta' Natura Urġenti

### *09/01 Ħamrija fi Pjazza San Pawl*

Is-Sindku nfurma lill-membri li nxtraw il-pots sabiex jissebbħu t-toroq tal-lokalita', barra minhekk bħalissa qed isir tqegħid ta' ħamrija fil-konok ta' Pjazza San Pawl. Minħabba l-ammont ta xogħol li hemm, l-istima tal-ħamrija għoliet għax kellha tiżdied il-ħamrija.

### *09/02 Manutenzjoni ta' Bankina fi Triq Kappillan Mifsud*

Is-Sindku ppreżenta stima għall-manutenzjoni ta' parti mill-bankina fi Triq Kappillan Mifsud.

Il-Kunsill approva din l-istima sabiex issir il-manutenzjoni meħtieġa.

### *09/03 Installar ta' Bollards sabiex jintużaw għall-għeluq ta' Toroq*

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Pulizija tad-Distrett ilhom snin jitolbu li jiġu nstallati bollards sabiex jintużaw minflok traffic barriers waqt il-festi u attivitajiet li jkun hawn fil-lokalita' u għaldaqstant intalbet stima mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill, liema stima tammonta għal ftit aktar minn €4000.

Is-Sindku fisser li din hija spiża ta' darba iżda se tkun qed tiffranka ħafna flus kemm lill-Kunsill kif ukoll lill-għaqdiet tal-lokalita'.

Għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li jidentifika dawk il-bollards l-aktar meħtieġa u x-xogħol isir fuq medda ta' sentejn.

### 09/04 Informational Boards f'Tar-Rabbat H/E

**Is-Sindku nfurma lill-membri li bħalissa fl-area tal-Housing Tar-Rabbat hemm tabelli li jindikaw fejn huma l-blokki tal-flats, liema tabelli jinsabu fi stat ħażin ħafna u qed jagħtu dehra kerha tal-akwata.**

**Inġabret stima għall-erba' Informational Signs moderni li fuqhom tista' ssir pjanta bil-blokki u postijiet ta' nteress fil-qrib, liema stima tammonta għal €350 'l waħda. Dawn l-informational signs għandhom ukoll spazju għal reklamar u għaldaqstant l-ispiża tagħhhom tista' tkun koperta mill-ġbir ta' reklami.**

**Il-Kunsill qabel li jiġu nfurmati l-businesses b'din l-offerta.**

### 09/05 Kont mis-Sur Ray Pellicano

**Il-Kunsill irċieva l-kont għas-servizz mogħti mis-Sur Ray Pellicano. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ issekondat mill-Kunsillier Antonello Cuschieri ġibdu l-attenzjoni li s-Sur Ray Pellicano ma tax is-servizz kollu mitlub mill-Kunsill, għaldaqstant l-ammont m'għandux jitħallas kollu.**

**09/06 Extensive Patching**

Is-Sindku nfurma lill-membri li fil-ġimgħat li ġejjin sa jkun qed isir extensive patching fi Triq Giovanni Barbara, fl-area ta' Ġnien Anton Buttiġieġ u fi Triq Karmenu Abela.

**09/07 Stimi għal-Litter Bins**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda żewġ (2) stimi għal-Litter Bins.

Il-Kunsill iddiskuta ż-żewġ stimi u qabel li tingħażel l-orħos offerta, jiġifieri dik ta' Spot On Ltd.

**10 Il-Kunsillier Louise Portelli daħlet għal-laqgħa fis-7.30p.m.**

**11 Proġetti – CPPS**

Is-Sindku nfurma lill-membri li fil-ġimgħat li għaddew iltaqa' mal-Prinċipal tal-Kulleġġ San Ġorġ Preca fejn ġie diskuss l-użu ta' faċilitajiet tal-iskola mir-residenti tal-lokalita', fosthom il-proġett ta' parking area fl-iskola Maria Regina. Dan il-proġett ġie diskuss ukoll mal-Periti tal-MEPA li huma responsabbli mill-iskema CPPS fejn kkonfermaw li dan il-proġett huwa proġett sostenibbli u jista' japplika għal din l-iskema.

Is-Sindku spjega li l-Amministrazzjoni tal-Iskola uriet ix-xewqa li l-partners f'dan il-proġett ikun il-Kunsill Lokali dirett u mhux kumpanija privata.

Il-membri evalwaw din it-talba u saħqu li huwa mportanti li l-Kunsill ikollu stampa ċara ta' x'tip ta' ftehim għandu jsir u x'jista' jigwadanja minn dan il-proġett, bħal pereżempju l-flus tad-dħul jitqassmu 70% għall-iskola u 30% għall-Kunsill.

Is-Sindku fisser li dan il-proġett ma jistax jintrabat għal aktar minn 5 Snin għaliex din hija art tal-Gvern u jista' jkun hemm proġetti mid-Direttorat għall-Edukazzjoni fis-sit propost.

Il-Kunsill qabel li ssir l-istima tal-proġett propost, jieħu direzzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u wara tittieħed deċiżjoni finali.

**12 Oħrajn**

**12/01 Zebra Crossing fi Triq Kappillan Mifsud**

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa x'sar dwar l-installar ta' zebra crossing fi Triq Kappillan Mifsud. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li qed tistenna data mill-Kuntrattur tal-iStreet Lighting sabiex isir on site meeting u tingħata stima għal dan ix-xogħol.

**12/02 Kinsa Addizzjonali fl-area tal-Kunċizzjoni**

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li kull nhar ta' Ħadd, in-naħa tal-Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni u Triq Kappillan Mifsud qed jisbaħ b'ħafna ħmieġ u għaldaqstant ippropona rotta extra tal-Knis għall-prezz ta' € 50.00.

Is-Sindku spjega li huwa mportanti li l-Kunsill jivverifika mal-Kuntratt u wara jara x'inhu l-aħjar pass li jittieħed.

### *12/03 Traffic Management Triq Wenzu Mallia*

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa kienx hemm risposta minn Transport Malta dwar it-tibdil fit-traffic Managment propost fi Triq Wenzu Mallia u l-akwata.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s'issa l-Kunsill baqa' mingħajr risposta.

### *12/04 Laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti ta' Triq Lord Byron*

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk hux se ssir il-laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti ta' Triq Lord Byron.

Is-Sindku kkonferma li din il-laqgħa se tinżamm.

### *12/05 Bollard fi Triq M.A. Vassalli*

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk saritx il-manutenzjoni fuq il-bollard fi Triq M.A. Vassalli,fejn xi ħadd mhux magħruf qabbadha bil-konkos.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tinsab fil-programm tax-xogħlijiet.

### *12/06 PA/800/15 – Pjazza San Pawl*

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma lill-membri li fit-2 ta' Marzu 2016 reġa' deher avviż dwar PA/800/15, fejn jistgħu jitressqu Objections sa mhux aktar tard mit-22 ta' Marzu. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li ssir laqgħa mar-residenti dwar dan il-proġett sabiex il-Kunsill jieħu l-opinjoni tagħhom. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ppropona li din il-laqgħa ssir nhar is-Sibt 19 ta' Marzu jew it-Tnejn 21 ta' Marzu.

## 13 Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00p.m. u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 6 ta' April 2016.

____________________
Christian Sammut
Sindku

____________________
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

Approvati:________________
DATA